Kunsill Lokali

Local Council

Ix-Xewkija

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 20**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

Il-Kunsill Lokali ix-Xewkija iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2025. Il-Laqgħa bdiet 16:53.

PREŻENTI:

Simona Refalo – Sindku

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

Josef Charles Hili – Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Zammit – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOGIJA (skond ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Mejlak – Segretarju Eżekuttiv

**20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-membri kollha kienu preżenti.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 18 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu imeqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku awgurat lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid u ssuġġeriet lill-membri li lmenti li diġa tressqu f'laqgħat preċedenti u għadha ma ttieħditx azzjoni dwarhom jiġu mibgħuta lis-segretarju eżekuttiv mill-ġdid.

Is-Sindku kompliet billi qalet li hemm ilmenti minn residenti rigward dħaħen ħergin minn fabbrika tal-manifattura ta' l-ikel ta' Magro Brothers u ssuġġeriet li ssir laqgħa mas-sidien. Il-Kunsillier George Zammit issuġġerrixxa li jmur jitkellem mas-sid tal-fabbrika pero gie deċiż li tintbaghat imejl lis-sidien fejn il-Kunsill jitlob laqgħa mas-sidien. Dan għandu jsir qabel tintghalab laqgħa mar-residenti ta' viċin il-fabbrika ħalli ma' jaħsbux li l-ilmenti qed jaqgħu fuq widnejn toroz. Il-Kunsillier Josef Charles Hili ssuġġerixxa li din il-laqgħa għandha ssir qabel jibda l-istaġun tat-tadam sabiex jekk hemm bżonn jinbidlu l-filtri jilħqu jagħmlu dan.

Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsill għandux jistaqsi lil xi ħadd mit-taqsima ta' l-ERA biex jattendi għal din il-laqgħa. Sar qbil li din il-laqgħa ssir mal-persuni inkarigati mill-fabbrika biss. Il-laqgħa għandha tissejjaħ wara is-7 ta' Lulju. Il-Kunsillier George Zammit issuġġerixxa li l-laqgħa ssir il-fabbrika, is-Sindku qalet li l-laqgħa għandha ssir l-uffiċċju amministrattiv tal-kunsill u tiġi rreġistratha ħalli tkun uffiċjali.

Is-Sindku semmiet publikazzjoni ta' ktieb 'The Gozo Airfield'. Sar qbil li jinxtraw tlettax il-ktieb ghall-kunsill, tlieta minnhom jmorru għall-librerija. Dawn ikunu jistgħu jingħataw bħalha rigal flok tar-Rotunda.

**20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Josef Charles Hili semma l-istat tat-triq wara l-heliport, sar qbil li għandu jintbgħat il-kuntrattur biex jaqta' l-ħaxix. Is-Sindku qed tħoss il-bżonn li biex isir it-tindif trid toqgħod tavżhom fejn għandhom inaddfu.

Is-Sindku qalet li intbagħtet korrispondenza minn grupp ta' 'programmers' sabiex jagħmlu app li tippermetti lir-residenti jagħmlu lmenti fuq din l-app. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li l-aktar sistema li taħdem mar-residenti hi li tagħmel karta mal-bullettin. Is-Sindku qalet li l-aħjar sistema hi li min ikollu lment jċempel l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

**20.5 Defile taż-żwiemel**

Ġie diskuss meta ser isir id-defile taż-zwiemel u ġie kkonfermat li ser issir nhar il-Ħadd 24 t' Awwissu, ġimgħa qabel Fiori d'Arġenta.

Is-Sindku qalet li ġiet avviċinatha minn resident li xtaqu li d-defile terġa tibda ssir kif kienet issir qabel. Il-Kunsillier Josef Charles Hili qal li tkellem mal-Ganajx li ssuġġerixxa li d -defile tibda minn Ta'Ħanzira. Il-Kunsillier Josef Charles Hili issuġġerrixxa li jiltaqgħu miegħu sabiex jaraw x'jissuġġerrixxi.

Iridu jiġu ordnati ukoll 100 premijiet. Irid jinħareġ poster fuq facebook sabiex ikunu jistgħu japplikaw ghad-defile. Min japplika jħallas is-somma ta €5.

**20.6 Fiori d'Arġenta**

Ġie diskuss il-programm ta' Fiori d'Arġenta, kif ser ikun imqassam fuq il-jumejn ta 28 u 29 t'Awwissu.

Kien hemm qbil li fit-28 t'Awwissu ser ikun hemm kunċert żgħir u wara għana filwaqt li fid-29 t'Awwissu ser ikun hemm kunċert mill-banda, t-torta tat-tin u l-ħuġġieġa.

Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera Jeanelle Attard rigward il-kunsill għall-liema spejjeż applika għall-Fiori d'Arġenta. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qrat l-spejjez li ġew applikati għalihom. Hi qalet li provat tapplika ghad-defile fuq l-istess applikazzjoni pero' ma ġietx aċċettatha u kellha tħalliha fuq jumejn.

Ġie deċiz li għandhom isiru żewġ posters, wieħed għad defile u l-ieħor għal Fiori d'Arġenta.

**20.7 Aġġornamenti dwar il-proġetti**

Is-Sindku bdiet bil-proġett tal-playingfield tal-barmil. Projectgreen ser jieħdu ħsieb il-proġett għax il-handling u t-tender f'idejhom. Sa l-aħħar ta' Lulju għandu jibda l-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li saret laqgħa ma' ta' Projectgreen u l-kuntrattur onsite. Il-Kuntrattur għandu japplika mal-BCA u jħallas xi garanziji, suppost sa nofs Lulju jkunu ħarġu l-permessi. Il-proġett hu mifhum li jitlesta sa l-aħħar tas-sena. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jintefa d-dawl nid-distribution box u joħorgu l-permessi ħabba l-għeluq tat-triq.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk hix l-istess pjanta li kien hemm fil-leġislatura ta' qabel għax ma' hemmx bandla u r-residenti ser imorru agħar. Is-Sindku qablet mal-Kunsilliera u qalet li kienet provat tibdel il-pjanti pero ma kienx possibli. Staqsiet lil-kunsilliera li kienu fil-leġislatura ta' qabel kif aċċettaw jekk ma jaqblux. Il-kunsillier Paul Azzopardi qal li l-pjanti kienu preżentati kif inhuma u ma kellhomx għazla hlief li jaċċettaw jew ma jsirx. Il-Kunsillera Jeanelle Attard qalet li l-aħħar pjanta saru jafu biha minn fuq il-Facebook u ħadd ma kkunsalta magħhom. Hi qalet li s-sindku ta' qabel kien mar ghall-press conference.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li fl-ewwel pjanta kien hemm ħafna affarijiet innovattivi bħal-bank li jiċċarġja bis-solar li kien ser jiswa ħmistax il-elf ewro (€15,000) pero jekk ikun hemm xi ħsara il-Kunsill m'għandux fondi biex jissewwa għax il-garanzija kienet ta' elfejn euro (€2,000). Is-Sindku qalet li l-għan ta dan il-proġett huwa hekk, pero huma wegħdu li jorganizzaw attiviatjiet anke darba f'xahar u l-kunsill m'għandu l'ebda piż.

Is-Sindku qalet li l-fondi li hemm fil-kont tad-DPF tixtieq tqassamhom nofs fuq il-proġett Ta' Ġokk u n-nofs l-ieħor fuq il-Gnien Ta' Blankas.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-proġett ta' Gnien il-Ħaddiem, is-Sindku qalet li t-tender ħarġet imma dik taqa' taħt il-Ministeru.

Is-Sindku qalet li rigward il-proġett Ta' Ġokk qed jistennew il-pjanti revised. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-pjanti lesti u l-perit ser japplika, l-pjanti l-ġodda ġew iċċirkolati mal-kunsilliera. Is-Sindku qalet li m-matting ta l-art ġie mibdul minn kaxxa kaxxa għall bħall ma' hemm f'tal-Ħamrija sabiex ikun jista'

jidħol aktar equipment. Il-Kunsillera Jeanelle Attard qablet u qalet li l-matting kaxxa kaxxa jaghti ħafna problemi. Semmiet ukoll l-open air gym equipment li ser isaddad fejn qiegħed.

Il-Kunsillier Paul Azzopardi qal li mportanti li temi li jkunu diskussi qabel isir follow up tagħhom. Hu semma Triq Gidi u mportanti li nkellmu lis-sinjura Vicky Xuereb. Huwa qal li qabel ix-xoghlijiet ma setgħux isiru għax ikun hemm ċerta restrizzjonijiet pero issa jistgħu isiru.

Is-Sindku semmiet Triq il-Kbira u qalet li Kunsill irċieva kont minn għand il-kuntrattur ta' sebat elef ewro (€7,000) li għadhom ma tħallsux. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn minuti tal-2021 sabet li kien inżamm 5% mill-kont għax ix-xogħol ma kienx sar kif suppost. Hija qalet ukoll li fl-accounts tal-Kunsill dan l-ammont għadu jidher bhalha pagabbli. Ġie maqbul li niċċekkjaw mal-perit hemmx ċertifikazzjoni tax-xogħol.

Il-Kunsillier Josef Charles Hili qal li ma nagħmlux ħażin nagħmlu follow-up fuq Triq San Pupulju, is-Sindku qalet li s-Sa Vicky Xuereb ser tara lil min tista' tibgħat.

Is-Sindku semmiet ukoll Tal-Barmil li ser jiġi open air gym u l-apparat li għandu l-Kunsill ser jintuża hemm. Is-Sindku staqsiet hemmx xi ftehim fuq is-second class water, il-Kunsillier Josef Charles Hili qal li dak il-gvern suppost jagħmlu Is-Sindku qablet u qalet li ser tipprova li l-Kunsill ma jħallas xejn. Saret diskussjoni bejn dawk preżenti kienx hemm xi ftiehem qabel. Il-Kunsillier Paul Azzopardi qal li ftiehem irid ikun imniżżel fill-minuti għax inkella ma' jitqiesx bhalha ftiehem. Huwa qal ukoll li jekk dan dejjem tħallas mill-gvern m'għandux jitħallas mill-Kunsill.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li kellhom ukoll jagħmlu charging bay tal-karozzi lanqas saret. Is-Sindku qalet li s-Sindku tal-Munxar intiż fuqha u l-aħjar inkellmu lilu. Il-Kunsillera Jeanette Attard qalet li sa anke kienu identifikaw postijiet fejn isiru c-charging points.

Is-Sindku semmiet il-community van li għandha tasal sa tlett gimgħat oħra, għandhom jintbaghtu talbiet ghall-quotes rigward id-disinn fuq il-van. Il-Kunsill responsabbli mid-disinn biss, l-isticker ser jiehu ħsiebha l-kuntrattur.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet il-librerija u s-Sindku qalet li għandu jiġi xi ħadd minn Malta sabiex issir laqgħa ħabba l-iskema għall-librerija biex issir aktar aċċessibli. Uriet ix-xewqa tagħha li tkun preżenti għall din il-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-Latrini tal-Hamrija li ser jiġu rinovati, ġie deċiż li l-ewwel isir ix-xogħol in-naħa ta' l-irġiel imbaghad wara tan-nisa.

Is-Sindku wriet il-pjanta ta' kif ser tiġi r-rampa ta' l-ATM. Il-pjanta trid titranġa għax ir-rampa qeda bil-kontra. Hi spjegat kif ser tiġi maqsuma il-kamra tal-posta u li ser ikun hemm aċċcess għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Intqal ukoll li il-Kunsill mhux ser ikollu l-ebda qliegħ mill-ATM.

**20.8 Attivitajiet tas-sajf**

Is-Sindku qalet li kien hemm ħafna tgergir mis-sidien tar-restaurants is-sena l-oħra biex il-pjazza nhar ta' Ħadd ma tingħalaqx. Il-Kunsillier Josef Charles Hili qal li jekk persuna issib il-pjazza magħluqa ma toqodx iddur biex issib parking u jibqgħu sejrin u qed ibatu tal-ħwienet. Sar qbil li l-pjazza tingħalaq nhar ta' sibt biss.

SR MM

Ġie diskuss 'Summer in the Square' u ġie deċiż li jsiru tlett events fis-26 ta'Lulju, 23 t'Awwissu u is-6 ta' Settembru. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li jsiru attivitajiet tat-tfal. Il-Kunsillier Josef Charles Hili ma qabilx.

Għandu jiġi ordnat il-palk minn għand tal-Kultura, ġie deċiż li titqabbad band għall kull nhar ta' Sibt.

Is-Sindku staqsiet biex isir budget għall kull band u ssuġġeriet li isibu lill xi ħadd li jkollu s-sound tiegħu. Il-kunsillier Josef Charles Hili issuġġerixxa li jkun hemm band differenti ghal kull Sibt. Il-Kunsillier Paul Azzopardi qal li mportanti li jiġu ċċekjati l-prezzijiet.

**20.9 Korsijiet tas-sajf**

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat il-korsijiet li ser ikun hemm, il-ħinijiet, deskrizzjoni u meta ser isiru l-korsijiet. Il-programm kif miftiehem anness ma' dawn il-minuti. Il-korsijiet għandhom isiru il-Kunsill il-qadim ħlief tal-mużika li għandu jsir il-każin tal-banda. Il-korsijiet ser jibdew fl-14 ta' Lulju. L-animaturi jitħallsu €15 kull siegħa. Għandu jittella' avviż fuq Facebook u jitqassam il-programm mal-bullettin.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li kulmin japplika għal xi kors iħallas €35 għall kors. Il-Kunsillier George Zammit ma qabilx u qal li t-tfal tax-Xewkija m'għandomx iħallsu. Hi semmiet ukoll li l-kors tal-mużika jsir biex il-Kunsill jgħin lil għaqda.

Is-Sindku qalet li għal din is-sena l-korsijiet ma' jistgħux isiru b'xejn għax ma nafux f'liema qagħda finanzjarja qiegħed il-kunsill.

Rigward il-football Summer camp il-kunsillier Josef Charles Hili qal li s'issa għadhom ma semmewlu xejn.

Ġie deċiż li lil tal-football u lil-għaqda tal-banda jingħatalhom l-istess għajnuna daqs il-korsijiet l-oħra.

**20.10 Għeluq tal-pjazza fis-sajf**

Ġiet diskussa mal-attivitajiet tas-sajf

**20.11 Riżoluzzjoni għall-bidla tas-sinjatarji tal-kontijiet bankarji**

Iffirmatha mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv

**20.12 Mozzjoni – Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp 'Carrying Capacity'għall-lokalità ta' Xewkija**

Il-Kunsillier Josef Charles Hili qara l-mozzjoni 01/2025, li ġiet sekondata mill-Kunsilliera Jeanelle Attard. Il-Kunsillier Josef Charles Hili fisser fiex tikkonsisti din il-mozzjoni minħabba studju fuq ir-raħal. Is-Sindku rribatit li ma tarx għalfejn għandu jsir dan l-istudju jekk kull entita tal-Gvern Ċentrali qiegħed jagħmel dawn l-istudji. Il-Kunsillier George Zammit talab koppja tal-mozzjoni.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard tenniet li dan l-istudju mportanti u tajjeb għall kull ħadd għax ikollok linji gwida. Il-Kunsillier Josef Charles Hili qal li dan ser ikun studju fuq ir-raħal tax-Xewkija biss.

Is-Sindku talbet li tgħaddi għall- vot. Il-mozzjoni m'għaddietx bi tnejn favur u tlieta kontra:

SZ MH

Favur: Kunsillier Josef Charles Hili
Kunsilliera Jeanelle Attard

Kontra: Sindku Simona Refalo
Viċi-sindku Paul Azzopardi
Kunsillier George Zammit

**20.13 Korrispondenza u ilmenti**

*18:57 Il-Kunsillier George Zammit skuża ruħhu u ħareġ mill-kamra.*
*19:10 Il-Kunsillier Josef Charles Hili skuża ruħhu u ħareġ mill-kamra.*

- Gozo Food Festival – stand
- New Grants for e-bikes – napplikaw għall 4
- 3rd edition of the summer camp for Ukranian youths – maqbul 24 t'Awwissu filgħodu fid-Defile taż-żwiemel
- Car accident 13 ta' Ġunju – tintbat risposta biċ-Ċirkulari DLG 03/2024, ma sarx ir-rapport u lanqas ttieħdu ritratti
- Ġnien Blankas x Gecko Gang
- Ċirkulari 02/2025 Ministeru għall-Agrikoltura
- Ċirkulari 03/2025 DLG – allowances għas-sindki, viċi-sindki u kunsilliera
- ERRC
- Korsijiet Għaqal id-dar – Settembru sa Diċembru 2026

**Ilmenti u talbiet**

- Traffic calming measures in Triq Lorenzo Zammit - approvatha diġa
- Triq Ħraba stat tat-triq – jintbat għall-kwotazzjoni għaż-żrar kif ukoll għall triq majmuna. Il-Kunsillier Paul Azzopardi ssuġġerixxa li terġa ssir talba ghal-triq Barrieri u triq Ċnus. Hu tenna li hemm għandu jsir recreational area bħal greenproject. Hu ssuġġerrixxa li nagħmlu talba lil Ministeru, il-Ministru Miriam Dalli, lil Joseph Cuschieri u Project Green.
- Dangerous Road Junctions – Triq Jean de la Valette
- Triq San Pupulju – double yellow line – sindku ser tiċċekja, Viċi-sindku ssuġġerixxa sinjal wieħed
- Żibel fi Triq Santa Katerina
- Bankina fi Triq 27 ta' Novembru 1678 – japplika il-Ministeru mill-Kunsill
- Talba għal mera fi Triq Salvatur – terġa tiġi diskussa
- Talba għall barriers tal-ħadid mill-iskola primarja

**20.14 Kunsideerazzjoni u Approvazzjoni ta' l-skeda ta' Pagamenti**

Tiġi mgħoddiha fil-laqgħa li jmiss

**20.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:48 u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 25 ta' ~~Ġunju~~ Lulju 2025 fl-16:30

Konfermati illum 25/07/2025

Simona Refalo
Sindku

Marion Mejlak
Segretarju Eżekuttiv